MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2015

Appell Kriminali Numru. 280/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Angus Buhagiar**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Angus Buhagiar, karta ta' l-identita` numru 210687(M), talli:

(1) fl-21 ta' Marzu 2012, għall-ħabta tal-15:00hrs fl-inħawi tal-Aħrax tal-Mellieħa waqt staġun magħluq għall-kaċċa tal-għasafar minn fuq l-art, sakemm ma tinġiebx prova kontrarja, kull persuna li bejn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx u sagħtejn wara nżul ix-xemx, jew matul xi staġun magħluq, tinsab barra fil-miftuħ fil-kampanja, sew jekk fuq l-art tiegħu seww jekk fuq l-art ta' xi persuna oħra, jew ukoll barra minn dik l-art, jew tinsab fuq il-baħar iġorr arma tan-nar jew munizzjon għat-teħid tal-kaċċa, hija għandha titqies li tkun qiegħda tfittex jew iddur għall-għasafar u dan bi ksur ta' reg. 15 ta' SL 504.71.

(2) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi waqt staġun magħluq għall-kaċċa tal-għasafar minn fuq l-art ikkaċċja jewipprova jikkaċċja xi għasfur, jew ġarr munizzjoni jew arma tan-nar barra l-għata tagħha u dan bi ksur ta' reg. 18(1)(a) tal-A.L. 79/2006, hekk kif emendat, L.S. 504.71.

(3) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi waqt staġun magħluq għall-kaċċa ebda persuna ma għandha f'ebda mument iżżomm jew iġġorr arma tan-nar li tkun ikkargata, jew bl-iskrataċ fil-kompartiment tal-iskrataċ tal-arma, jew barra l-għata tagħha, jekk mhux f'post fejn huwa permess l-isparar fuq il-kaċċa u dan bi ksur tar-Regolament 17, SL504.71.

(4) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi mingħajr preġudizzju għad-dispozizzjonijijet ta' kull liġi oħra l-ebda persuna m'għandha tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu b'kull mezz li jkun xi għasfur kif permess skond id-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx fil-pussess ta' liċenzja waħda skond ma tkun tapplika, maħruġa mid-Direttur, u dik il-persuna tkun tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenjza u f'kull liġi oħra u dan bi ksur ta' Reg. 12(1) tas-SL 504.71.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Gunju 2013, fejn dik il-Qorti, wara li rat ir-Regolamenti 15, 18(1)(a), 17 u 12(1) ta' SL 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta (Avviz Legali 79/2006), sabet lill-imputat u għaldaqstant, bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannatu multa ta' elf euro (€1,000.00);

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Angus Buhagiar ippreżentat fl-14 ta' Ġunju 2013 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija u piena;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; rat l-eċċezzjoni mqajma mid-difensur ta' l-appellant fis-seduta tallum dwar in-nullita` tas-sentenza appellata; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Din is-sentenza hija dwar l-eċċezzjoni msemmija. Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti, wara li rreferiet għal diversi regolamenti, iddikjarat li "<u>issib lill-imputat u għaldaqstant</u>, bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundannah multa ta' elf euro (€1,000)." Filwaqt illi jista' jingħad illi stante li hemm kundanna, l-ewwel Qorti kienet qed issib xi ħtija, hija ma ddikjaratx ta' x'hiex kienet qed issib ħtija, u jekk kinitx qed issib ħtija ta' l-

imputazzjonijiet kollha jew le. Dan huwa nuqqas fatali li jġib in-nullita` tas-sentenza appellata.

**6.** Għal dawn il-motivi tiddikjara s-sentenza appellata nulla u, stante li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ l-appellant m'għandux jiġi priv mid-*doppio esame,* tirrimetti l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tittratta l-każ mill-ġdid.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------